MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 933/2004

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-
assigurat taghhom Josef Fenech u l-istess Josef Fenech f'ismu
proprju u b'Rikors tad-19 ta' Mejju, 2004 Atlas Insurance
Limited assumiet l-atti minflok Atlas Insurance Agency
Limited nomine**

**Vs**

**Roman Krejci u b'digriet tat-Tribunal tal-25 t'Ottubru, 2004
gie nominat Dr Vincent Galea LLD bhala Kuratur Deputat u b'
digriet tal-5 ta' Novembru, 2004 it-Tribunal contrario imperio jirrevoka d-digriet tat-Tribunal tal-25 t'Ottubru, 2004**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm152) rapprezentanti danni minnhom subiti f’kollizjoni li sehhet fil-15 ta’ Mejju, 2003 gol-Gharghur waqt li l-konvenut kien qed isuq karozza bin-numru ta’ registrazzjoni BBG 742 u habat mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBE 735 ta’ Josef Fenech liema kollizjoni qed jigi allegat li grat unikament responsabbilta’ tal-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li permezz ta’ Nota pprezentata fil-5 ta’ Lulju, 2005 il-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

**Ikkunsidra**

Illi abbazi tan-Nota ta’ Ammissjoni pprezentata mill-konvenut it-talbiet attrici kif dedotti jisthoqq li jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm152) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------